**L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.**

**Seduta miżmuma llum l-Erbgha 19 ta' Awwissu 2020, fid-9:30 a.m. fit-Tieni Sular, Awla 20, il-Qorti.**

Xhud **Marvin Gaerty** iben Francis u Carmen nee` Mielaq, imwieled Il-Pieta` u residenti n-Naxxar bil-Malti u bil-gurament tieghu jghid :

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Illum inti tokkupa l-kariga bhala Direttur Generali Inland Revenue. Issa meta gejt mahtur f' din il-kariga?

***Ix-Xhud :***
Sinjuri Imhallfin, forsi, Commissioner for Revenue,

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Commissioner for Revenue.

***Ix-Xhud :***
Ghax illum id-Dipartimenti peress li mmergjaw, ghandek il-Vat u l-Income Tax u l-Customs huma taht il-Commissioner for Revenue.

***Imhallef A Lofaro :***
Dak li xtaqniek tispjega fil-fatt.

***Ix-Xhud :***
Ehe hekk hu. Dik kien hemm il-merger li bdiet fit-2012 li kienet harget il-ligi l-Act tal-Commissioner for Revenue u l-iskop kien biex ikunu Headed taht Kummissarju wiehed tat-Taxxi.

***Imhallef A Lofaro :***
Ok, jigifieri inti tihhedja kemm Income Tax u kif ukoll VAT

***Ix-Xhud :***
Ezatti.

***Imhallef A Lofaro :***
Fhimt. Imma ghad hawn Kummissarju tal-VAT?

***Ix-Xhud :***
Le. Le, l-istruttura.

***Imhallef A Lofaro :***
Le.

***Ix-Xhud :***
L-istruttura llum qieghda ghandek il-Commissioner for Revenue ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Li huwa int…

***Ix-Xhud :***
Ezatti. U d-DGs. Imbaghad ghandek id-DGs li fejn qabel kellek per ezempju DG operations IRD jew Vat illum jinkorpora lit-tnejn. Jigifieri l-istruttura hekk qieghda. Ikollok per ezempju Director General Legal. Dak fil-fatt ikun qieghed kemm fuq VAT u kemm fuq Taxxa.

***Imhallef A Lofaro :***
U inti tihheddja z-zewg affarijiet allura.

***Ix-Xhud :***
Ezatt.

***Imhallef A Lofaro :***
Inti responsabbli; grazzi

***Ix-Xhud :***
Ezatti.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Mela qabel il-hatra tieghek, inti dejjem kont fid-Dipartiment, x' kont taghmel?

***Ix-Xhud :***
Iva; ilni 20 sena

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ilek 20 sena fil-..

***Ix-Xhud :***
Ehe kwazi 20 sena ma' l-Inland Revenue. Qabel kont nihhedja t-Tax Compliance Unit, ghamilt 4 years, u qabel kont Revenue Officer.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Il-professjoni tieghek Accountant?.

***Ix-Xhud :***
Iva accountant.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Bhala Ministeru, intom taqghu taht il-Ministru tal-Finanzi?

***Ix-Xhud :***
Iva taht il-Ministru tal-Finanzi

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U x' inhija r-relazzjoni tieghek ma' dan il-Ministeru?

***Ix-Xhud :***
Mela, r-relazzjoni ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
B' mod generali

***Ix-Xhud :***
Ir-relazzjoni hija bejni u bejn il-Ministru hem il-Permanent Secretary is-Sur Alfred Camilleri. Ghamilna zmien fejn kellna 2, kellna lis-Sur Camilleri u lis-Sur Joseph Caruana. Ir-relazzjoni hija prattikament iktar ta' policy. Jiena, biex intik ezempju, meta nkunu qed niformolaw il-budget, sewwa? Jigifieri ahna nohorgu bl-ideat, niddiskutuhom u ovvjament jekk ikun hemm xi problemi jew.. through dejjem il-Permanent Secretary jiena dejjem nikonsulta mal-Permanent Secretary taghna u mbaghad nikkonsultaw jekk ikun hemm bzonn tal-Ministru.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghal dak li huwa day-to-day administration tad-Dipartiment ikollkom hafna kuntatti mal-Ministeru jew huwa standalone Department li tistghu tmexxu wehidkom?

***Ix-Xhud :***
Le; standalone. Le, ahna standalone. Ovvjament fejn tidhol policy ikun hemm affarijiet ta' policy specjalment gie li jkun hemm per ezempju affarijiet ta' ligi

li tkun trid tikkonsulta. Kif nafu kultant tiltaqa' ma kazijiet li anke jekk tkun… jien naf?, jekk per ezempju tkun qed tinduna li hemnm xi problema bil-ligi, b' hekk il-ligi timpruvja, u nindunaw li hemm loophole per ezempju, ovvjament fid-dover taghna li navzaw lil Perm. Sec. u mbaghad navzaw lill-Ministru biex nemendaw dak li jkun hemm bzonn.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Otherwise ghal dak li huwa day-to-day administration dak f' idejkom.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu hekk hu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` halli niccaraw din il-parti u mbaghad inkomplu. Jigifieri jekk jinqala' xi haga ta' certu kobor fil-pajjiz, fejn xi hadd dahhal miljun lira haxixa, jew xi haga.. anything jigifieri, intom tinformawh lill-Ministeru jew le?

***Ix-Xhud :***
Dak l-ezempju li gibtli jaqa' diretament taht id-Dwana

***Imhallef J Said Pullicino :***
Sewwa.

***Ix-Xhud :***
Taht is-Sur Joe Chetcuti. Issa bhala parti mill-merger li gara d-DGs li kienu DG IRD u DG VAT tnehhew, pero` ovvjament biex ma naghmlux ikollox f' daqqa ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
… huma.

***Ix-Xhud :***
Id-DG tal-Customs baqa' ghalih, jigifieri s-Sur Joe Chetcuti.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Naqblu iva.

***Ix-Xhud :***
Jigifieri ma nistax nirrispondi ghalih jekk ikollu qabda jew xi haga jiddiskutix mal-Ministru.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma bhala principju ta' amministrazzjoni, jekk tehodha minn l-att anke tieghek biss ta' Revenue, jekk jinqala' xi haga kbira, intom mal-Ministeru tikkonsultaw? Tghidlu – ghandna din, x' ser naghmlu biha?

***Ix-Xhud :***
Iva iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ha nghidu wahda facli ghax issa nigu ghaliha zgur. Il-Panama Papers xi haga kbira.

***Ix-Xhud :***
Ezatt ezatt.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Id-Dipartiment ikun qal lill-Ministeru, - hares, din hawn din, hemm xi action x' niehdu?

***Ix-Xhud :***
Ezatt.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Tigri din?

***Ix-Xhud :***
Ezatt, iva iva. Pero` ma jfissirx li…, xorta, ha nitkellem fuqi personali; xorta ma tridx tghabbi r-responsabbilta` tieghek. Jigifieri jiena fil-kaz Panama Papers..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri jiena nifhem li r-responsabbilta` tieghek bhala Commissioner anke kif tohrog mil-ligi dika tibqa' tieghek.

***Ix-Xhud :***
Ezatt. Sur Imhallef ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ma jehodhiex il-Ministru dik; dika inti trid taghmilha.

***Ix-Xhud :***
Ezatti.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` l-punt tieghi huwa jekk tikkonsultax fejn ikun hemm affarijiet ta’ certu gravita`, tajjeb?, lid-Dipartiment, lill-Ministeru. Tghidlu hawnhekk ghandna din, problema, biex naraw hemm xi…; jekk tikkonsultawx biss

***Ix-Xhud :***
Hekk hu. Sur Imhallef, biex inkompli fuq l-ezempju li gibt ghax nahseb dak huwa klassiku relattivament ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Hekk hu ser nigu ghaliha dik jigifieri.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu. hemmhekk jiena mal-ewwel hadt l-azzjoni li kelli niehu..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Sewwa; li kienet?

***Ix-Xhud :***
Totalment, totali, jigifieri bla limiti..

***Imhallef J Said Pullicino :***
X’ azzjoni kienet jigifieri?

***Ix-Xhud :***
L-azzjoni kienet li kif jiena kont habbart ukoll meta kelli interview fit-Times li tajt ordni mill-ewwel li kull min issemma jinfetah il-kaz tieghu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma nigu ghad-domanda ta’ qabel; lill-Ministeru tkun infurmajtu inti?

***Ix-Xhud :***
Le, at that point ma informajtux. At that point jiena ..

***Imhallef A Lofaro :***
Dak huwa id-dover tieghek nahseb, le?

***Ix-Xhud :***
Naturi d-dover tieghi

***Imhallef A Lofaro :***
Li tmexxi.

***Ix-Xhud :***
Allahares kelli nsaqsi lill-Ministru..

***Imhallef A Lofaro :***
Naqblu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Minuta wahda, pero` ma ninsewx li f’ dan il-kaz kien hemm involuti nies qrib l-amministrazzjoni centrali, fthemna?

***Ix-Xhud :***
Sewwa.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Li jaghmel differenza; mhux Said Pullicin ghandu problema! Tnejn min-nies – tlieta min-nies li kienu c-centru ta’ kwistjoni kbira. Inti hemmhekk ma hassejtx il-bzonn li ….il-Ministeru?

***Ix-Xhud :***
Sur Imhallef lanqas idea, lanqas idea. Kull min issemma fil-Panama Papers l-ordni tieghi kienet kemm vokali, kemm jigifieri verbali u kemm bl-email biex jaraw kollox minn fuq s’ isfel u kull persuna. Jiena ghalija jekk hemmx skuzi Cikku jew Gianni ma taghmillix differenza.

***Imhallef A Lofaro :***
U hekk ghandu jkun, ezatt.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Naqbel mieghek jiena. Imma jekk lill-Ministeru avzajtuhx, allertjajtuhx. Jekk il-Ministru, intom bhala Dipartiment, allertjajtux lill-Ministru jew lid-Dipartiment illi hemm dawn in-nies involuti li intom ha tiehdu passi fuqhom.

***Imhallef A Lofaro :***
Le.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le.

***Ix-Xhud :***
Sur Imhallef, jiena, issa din hija fehma personali tieghi. Jien jekk nara responsabbilta` li ghandi nagixxi - nagixxi mill-ewwel; u r-raguni hija li jekk jiena naghmel xi haga mhix tas-soltu ghaliex hemm xi hadd mhux qieghed hemm, u ha nikkonsulta, mela jien ser niftah ruhi biex ovvjament  jista’ ikolli,

mhux qed nghid li kelli, imma jista'…, jekk ser nidhol f' xi haga u nistaqsi meta huwa l-obbligu tieghi huwa pass zejjed. Jien ma hassejtx li kelli naghmlu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U f' dan il-kaz inti mexxejt.

***Ix-Xhud :***
Mill-ewwel, mill-ewwel. Fil-fatt nista' nghid li kont qed insegwi ovvjament huwa x-xoghol taghna illi nsegwu l-media u l-gazzetti…

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk hu.

***Ix-Xhud :***
Nahseb wiehed mill-kont insegwi kull jum kien il-blog tas-sinjura Caruana Galizia..

***Imhallef A Lofaro :***
Ghax kien sors ghalikom ta' informazzjoni, hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Ghax kien sors ta' informazzjoni, ezatt.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Nghid sew illi l-ewwel darba illi smajt bil-Malta connection fil-Panama Papers kienet meta ppubblikata hi fi Frar tat-2016? Jew kont taf qabel?

***Ix-Xhud :***
Sorry, ma tantx qed nisma'…

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Qed insaqsik; nghid sew illi l-ewwel darba illi inti bhala Kummissarju smajt bil-Malta Connection fil-Panama Papers…..

***Ix-Xhud :***
..eh! Panama Papers, ok

***Chairman Imhallef M Mallia :***
…kien fi Frar tat-2016 minn Caruana Galizia?

***Ix-Xhud :***
Iva iva. Nahseb; jiena bdejt insegwi mill-guranta, nahseb Malta kollha, minn meta kien hemm l-ewwel post u mbaghad wara with hindsight kulhadd kien bravu; fejn kien hemm tal-lamb u tal ....

***Imhallef A Lofaro :***
New Zealand lamb qalet xi haga, Easter…

***Ix-Xhud :***
Ezatti. Ovvjament dak il-hin kulhadd question mark kbira - din x' inhi!

***Imhallef A Lofaro :***
Ezatt.

***Ix-Xhud :***
Imbaghad ovvjament bdew johorgu l-affarijiet. Jigifieri jien tant hadt inizjattiva; imbaghad anke jigifieri provajt nikkuntatja l-ICIJ direttament, pero` informawni sfortunatament li ma jikkomunikawx ma' Tax Authorities. Mill-ewwel qaluli.

***Imhallef A Lofaro :***
Jigifieri inti anke ma' l-ICIJ ghamilt kuntatt.

***Ix-Xhud :***
Iva, cempiltilhom, u cempiltilhom jekk minhiex sejjer zball kien il-Head Office l-Amerika taghhom, u kwazi kwazi haduni bil-herra! Jigifieri ma riedux, ma nafx ghalfejn, il-fatt li cempilt minn Tax Authority niftakar kien naqra qisu hekk.., li le, ma nikkonsultawx ma' Tax Authority.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
X' passi hadt mela wara illi sirt taf bil-konnessjoni ta' uhud mill-persuni pubblici ta' Malta mal-Panama Papers? Qed nitkellem fuq Keith Schembri, Konrad Mizzi…

***Imhallef A Lofaro :***
Konrad Mizzi l-Ministru

***Ix-Xhud :***
Jekk ma jimputax jekk.., qed niehu pjacir u l-obbligu u pjacir tieghi li nikkopera two hundred percent. Pero` kif tafu jien ghandi Artikolu 4 fuq rasi tal-Income Tax Management Act li anke jsemmi hawnhekk kumitat ta' inkjesta li ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ghandu ragun.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
…..ordni minn ghand il-Bord....

***Ix-Xhud :***
Ezatt. Li forsi nitlob..;

***Dr Jason Azzopardi :***
Jezentawk. Jezentawk

***Ix-Xhud :***
Ma jistghux jezentawni.

***Imhallef A Lofaro :***
X' qed titlob? X' qed titlob parir? Ghidilna.

***Ix-Xhud :***
Le jien hawnhekk ghandi li l-unika persuna li tista' tezentati huwa il-Prim Ministru. Din hija il-ligi taghna. Li nista' nghid Sinjur Imhallfin, jekk tippermettuli forsi anke nkunu fil-maqghluq inkun nista'…., mhux qed nghidlek ha  novverrajdja din!, imma forsi nkun iktar komdu fil-limiti tieghi. Ghax nixtieq kif qed nghid illi nikopera, imma ghandi l-artikolu 56 tal-Vat Act li qeghdin kif tafu..; hawnhekk exposed kriminali jien sfortunatament..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Tkun interessanti jekk il-Prim Ministru jaghtix il-permess tieghu biex jezentah. Tkun interessanti hafna jekk il-Prim Ministru joghgbux jaghtih l-ezenzjoni.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ahna ..nitolbux.. I mean ovvjament min poggiena hawn huwa l-Prim Ministru.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ghalhekk!.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri ma nahsibx li huwa..! Tigi kontro sens li ma jaghtinix ic-cans. Pero` tajjeb illi forsi wiehed jitlobha din. Pero` ghal-lum, ghal issa...

***Ix-Xhud :***
Pero` Sur Imhallef, hafna punti nistghu nolqtuhom in a general measure.

***Imhallef J Said Pullicino :***
..preciz

***Ix-Xhud :***
Pero` nixtieq forsi fil-maqghluq biex inkun nista'..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Serrahtli mohhi, ghax waqt li fil-maghluq ahna naghtu wkoll l-opportunita`, il-pubbliku barra jixtieq ikun jaf ukoll kif tahdem is-sistema. Is-sistema, imbaghad naraw jekk is-sistema f' dan l-kaz hadmitx. Allura ha nitkellmu fuq il-generali, tajjeb?

***Imhallef A Lofaro :***
Ghal issa.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imbaghad minn hemmhekk nghaddu jekk … il-Prim Ministru jew le, taghmel sens li qed tghid l-avukat, u mbaghad minn hemmhekk id-detallji johorgu li ghandhom johorgu. Ghax ma rridu nkunu nafu xejn tan-nies personali li mhux involuti fuq din il-kwistjoni; biex niftehmu. Jigifieri ahna mhux ser nghidlek min huma l-mitejn u tlieta u sebghin ruh (273) li huma fil-Panama Papers! Ma jinteressanix min huma. Pero` generali x' azzjoni hadtu fuq kollha daka jinteressani, qed niftehmu? Allura ha nimxu b' mod generali x' azzjoni tittiehed f' cirkostanzi bhal dawn. Jigifieri intom x' taghmlu? Tinvestigaw intom? Tibaghtu ghan-nies? …titolbu l-ghajnuna tal-Pulizija? X' taghmlu s-soltu?

***Ix-Xhud :***
Ok. Mela ovvjament dana kien kaz mhux qed nitkellmu fuq kaz wiehed, jigifieri kien hemm naqra planning ukoll, u fejn jiena jigifieri at a high level hassejt illi kelli nidhol at high level biex nara li kollox qed isir kif suppost; mhux ghax kelli dubju imma dan mhux qed nitkellmu… qed nitkellmu fuq mijiet kwazi jigifieri ta' nies. Kif ghedtu, dana kont ghedtu fit-Times li nahseb rule number one kienet li dik kienet krucjali ghalija, li kulhadd, dik hija krucjali; jigifieri kulhadd. U hassejt ukoll li fejn kien hemm bzonn ninforza fuq certu forsi sitwazzjonijiet hassejt li jiena kelli wkoll jigifieri nibghat instructions iktar cari. Jigifieri kif qed nghidlek, ma nistax..; mela l-procedura hija li nfethu l-investigation, ovvjament ma nfethux f' daqqa, ghax ghandek bizibilju. Ma ninsewx ukoll li ahna ghandek l-Swiss Leaks illi

***Imhallef A Lofaro :***
Ezatt, ukoll ehe.

***Ix-Xhud :***
U l-Lux Leaks illi dawn sfortunatament ir-rizorsi huma li huma; pero` li hu zgur li tajna priorita` kbira lil Panama Papers u Swiss Leaks; jigifieri fir-rizorti li kellna. L-investigazzjonijiet nfethu; jintbaghtu li nghidulhom notification of inquiry jigifieri li ha ssirlek investigazzjoni u mbaghad jintalbu d-dokumenti. Dan kollu jsir mit-Tax Compliance Unit. Ovvjament imbaghad is-sistema hija jekk li minn l-informazzjoni li nigbru, nipprovaw ahna nigbru informazzjoni ovvjament externa u informazzjoni li itina t-taxpayer, u imbaghad jiddiskutu l-kaz naturalment. Jekk ikun hemm mistoqsijiet jew evidenza iktar li jitolbu.. . U li jista' jigri huwa  tnejn, jew ma jaqblux u johrog dak li nghidulu assessment, jew inkella jekk jaqblu issir adjustment form, adjustment from u jithallsu t-taxxa full bil-multi u bl-imghax. Jigifieri prattikament dawk huma t-2 scenarios li jigri fil-kazijiet.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Halli naghmlu daqsxejn distinzjonijiet. Mela ghandna evazjoni u ghandna per ezempju money laundering. Dawn it-tnejn f' liema mument tidhlu fihom intom?

***Ix-Xhud :***
L-evazjoni..

***Imhallef J Said Pullicino :***
L-evazjoni ovvju. Issa l-evazjoni tista' tfisser ukoll money laundering. Intom tidhlu fiha din il-parti?

***Ix-Xhud :***
Nidhlu fiha, pero` Sur Imhallef li nixtieq nispjega huwa li minghajr ma noqghod nidhol fl-element ta' etika jew purament legali, ha nitkellem, il-fatt li persuna jkollha kumpanija l-Panama, jigifieri ha nerga' naghmilha cara din, mhux qed nitkellem bhala etika, mhux qed nitkellem bhala affarijiet ohra; purament legali from a point of view ta' qed nimmagina li jiena ghandi esperjenza kbira Officer tat-Tax Compliance Unit li qed jinvestiga, u li fl-ahhar minn l-ahhar dan il-kaz jista' jispicca l-qorti u jridu jiddeciedu fuq il-kaz. jigifieri li l-unika haga li ghandek li hija l-kumpanija Panama  wehidha, dik, bhala tax evasion hija difficli hafna. Vera wiehed jista' jikkonkludi u jghid li kien hemmm intenzjoni. Pero` ghalina bl-intenzjoni ma nistghux immorru…; jigifieri sfortunatament informazzjoni li ggib mill-Panama nahseb li kulhadd huwa aware ta' din is-sitwazzjoni. Jigifieri dawn huma la huwa treaty countries, hija problema kbir ghalina; meta jkollok dan it-tip ta' sitwazzjonijiet fejn kumpaniji jigu registrati f' dawn it-tip ta' jurisdictions. Allura li jsir isir audit, pero`, pero`  nerga' nghid jigifieri l-informazzjoni tal-kumpaniji prattikament toqghod fqu it-taxpayer, qed tifhem? Jew tipprova ssib

informazzjoni ohra, pero` ma hijiex konklussiva. Jigifieri biex naqbez dak huwa l-ewwel punt. Jigifieri hemm tax evasion? Ma huwiex daqshekk. Ghax hafna nahsbu, ok, mela sibna li ghadnu kumpanija l-Panama; hemm hafna xoghol x' isir. Jiena niftakar meta kont tlajt u gibt l-informazzjoni li kienet pubblika kif ta' l-iSwiss Leaks kulhadd haseb tawni CD u tahseb li ser issib ..! jigifieri anke l-ismijiet kultant ikunu jekk flok Marvin Gaerty issib Martin Gear. Jigifieri jkun hemm accounts miftuhin 20 sena ilu. Jigifieri its not easy. Pero`, pero`, meta jkun hemm evazjoni, u nahseb importanti li qed nitkellmu fuq zmien.. dan qed nitkellmu 2016; vera llum anke mhabba recommendations tal-Moneyval etc bnejna sistema. Sa dak iz-zmien bil-prattika tad-Dipartiment, il-policy qatt ma kienet li mmorru kriminali. Jigifieri fejn jidhol, ahna t-TCU kien set-up, ahna l-iskop kien administratively, u li ninvestigaw administratively. It-taxpayer prattikament l-iktar li jista' jehel huwa li jhallas it-taxxa, il-multi, u l-imghaxijiet; li prattikament anke l-multi u l-imghaxijiet ma humiex ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` azzjoni kriminali hija possibbli

***Ix-Xhud :***
Skuzi?

***Imhallef J Said Pullicino :***
L-azzjoni kriminali hija possibbli.

***Ix-Xhud :***
Ehe, pero` imbaghad kif irregola ruhu t-tax payer ma tibqax kriminali.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Naqblu.

***Ix-Xhud :***
Jigifieri l-problema mbaghad tigi jekk inti ha tara l-money laundering side li nista' nghid ukoll kemm ilni nahdem id-Dipartiment qatt ma naf fejn ittiehdu passi wara li persuna anke inqabdet tevadi t-taxxa wara t-tehid ta' money laundering, il-fatt li l-persuna tkun irrangat l-income taghha nahseb li huwa mbaghad difficli li tfittxu fuq money laundering.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Halli nkunu cari f' mohhna ahna ukoll ta. Jigifieri jiena nifhem illi ghal evasion irid ikollok il-prova ta' l-evazjoni ghax inkella m' hemmx..

***Ix-Xhud :***
Ezatt.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Allura t-tentattiv ta’ l-evazjoni sa ceru punt mhux xi delitt. Fil-kas ta’ money laundering, il-fatt biss li inti tipprova taghmel money laundering huwa fih innifsu delitt. Tajjeb?

***Ix-Xhud :***
Hekk hu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Allura nifhem jien li hemm distinzjoni kbira. Veru li mbaghad forsi hemmhekk ma tibqax taht il-venue taghkom imma tmur lill-Pulizija, Economic Crimes Unit u x’ naf jien. tajjeb?

***Ix-Xhud :***
Ezatt.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri din hija s-sitwazzjoni dividing line. Issa huwa veru li jekk ikollok kumpanija tista’ ma ssib xejn fiha. Imma filwaqt li ghal fini ha taxxa jkun negative, ma tistax jiehu passi, fil-kaz ta’ money laundering ghal fini ta’ x’ jismu.. huwa kriminal fih innifsu. Huwa delitt fih innifsu il-fatt li  inti tipprova tiftah kumpanija bil-hsieb illi inti titfa’ fiha flus gejjin minn post…, qed tifhem? U ghalhekk huwa money laundering

***Ix-Xhud :***
Hekk hu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri dawn is-sitwazzjonijiet nahseb li rridu nzommuhom f’ mohhna. Imma min-naha tieghek jigifieri li ghandek x’ taqsam biss ma’ evation prattikament tghid qed tghid li daka ma jibqax iktar remit tieghek. Imma kien hemm reazzjoni ..

***Ix-Xhud :***
Xorta ghandi r-responsabbilta` ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ifhimni, hemm relazzjoni bejnkom u bejn l-Economic Crimes Unit f’ dawn l-affarijiet?

***Ix-Xhud :***
Iva iva. Jiena bi pjacir nghid illum nahseb li ghamilna improvements kbar. Jigifieri qed nahdmu hafna hanfa flimkien, il-Pulizija, l-FIAU u ahna jigifieri.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Illum m' hemmx dubju.

***Ix-Xhud :***
Iva qed nitkellmu fuq dan l-ahhar nahseb sena ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Fit-2016 x' kienet is-sitwazzjoni?

***Ix-Xhud :***
Sorry?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Fit-2016 x' kienet is-sitwazzjoni?

***Ix-Xhud :***
Ma kinetx l-istess; le ma kinetx l-istess;

***Imhallef J Said Pullicino :***
Kif kienet?

***Ix-Xhud :***
Fil-fatt il-findings nahseb tal-Moneyval kienu cari ghaliex.., fil-fatt l-improvement li sar il-bicca l-kbira wara li kien hemm il-findings tal-Moneyval.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Skont rapport ta' gazzetta lokali kien hemm 714 kumpaniji b' konnessjoni mal-Panama Papers u kien hemm ukoll 237 Maltese taxpayers involuti; dawk kollha gew investigati mid-Dipartiment?

***Ix-Xhud :***
Li nista' nassigurak li kollha ser jigu investigati

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ha jigu investigati?

***Ix-Xhud :***
Le le, hemm chunk kbnira li gew investigati ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Gew investigati.

***Ix-Xhud :***
Ovvjament hemm kazijiet fejn gew investigati, kazijiet li hawn…, hemm different stages Sur Imhallef; jigifieri ifhimha, bir-rizorsi li ghandna sfortunatament.. tkun tixtieq li.., imma jigifieri ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Pero` dawn in-numri tikkonfermahom inti; hemm dawk in-numri.

***Ix-Xhud :***
Iva, u wkoll l-ordni hija li jigi investigati kollha.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Imma qeghdin at various stages ta’ investigazzjoni dawn.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U kollha qeghdin ser jigu solvuti amministrattivament, mhux ser jittiehdu proceduri kriminali

***Imhallef A Lofaro :***
Kienu tressqu l-Qorti dawn jin-nies? Xi hadd minnhom?

***Ix-Xhud :***
Le le, ghax id-Dipartiment tinsiex li qed nitkellmu fuq it-2016 jigifieri

***Imhallef A Lofaro :***
Iva.

***Ix-Xhud :***
Prattikament ahna nimxu administratively, pero` xejn ma jzomm lill-Pulizija, din opinjoni personali, jew l-FIAU li jaraw is-sitwazzjoni f’ iktar fid-dettal.

***Imhallef A Lofaro :***
Fhimtek. Intom tibaghtu ghalihom, forsi jhallsu xi multa? Ma nafx.

***Ix-Xhud :***
Ezatt ezatt. Jigifieri rridu inzommu f’ mohhna wkoll li meta qed tinvestiga dawn il-kazijiet u forsi tghid li ghandi success ghaliex..  (nivvinta), sibna

miljun lira jew ma nafx kemm, u mhux iddikjarati, ma jfissirx li ahna dawn ikunu bilfors mill-Panama,.. mill-kumpanija! U din nixtieq.., ghaliex meta ahna inixjajna l-audit prattikament ma illimitajniex ruhna ghal kumpanija tal-Panama. Jigifieri ghamilna full audit. Jigifieri jekk persuna kellha 4 kumpaniji ohra Malta u l-persuna nnifisha xorta odittjajniha; xorta odittjajniha.

***Imhallef A Lofaro :***
Xorta.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Pero` ma tahsibx int personlment illi din is-sistema taghti kuragg, taghti vantagg lil dak li jkun irid jabbuza ghax jaf li at the end of the day jekk inqabad piena pekunjarja dan kull ma ser jehel?

***Ix-Xhud :***
Sur Imhallef, ma stajtx tolqot il-musmar….! Jigifieri, nahseb wahda milli tghallimna, u din minn l-esperjenza tieghi, efficiency wise, revenue wise hija hafna ahjar li tmur administratively biex il-gvern jigbor il-flus ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dik nifhimha, nifhimha. Pero` ..

***Ix-Xhud :***
Pero` fil-fatt ilqat il-musmar ghax huwa wahda mill-kritika niftakar li affaccjajt jien personali jigifieri fil-Moneyval, ghaliex vera, kultant tkun motivated; ahna d-Dipartiment motivated biex nigbru. Ikollna l-budgets taghna. Pero` dak huwa, dik hija r-realta` Sur Imhallef, li jekk mhux ser ikun hemm ir-riskju hemm barra li persuna meta tevadi tista' tghaddi minn criminal proceedings, sfortunatament, iva naqbel mieghek li t-taxpayer ser jissogra iktar. Ir-raguni hija ghax dan jista' jghaddi hames snin, u jinqabad, u l-iktar l-iktar ihallas it-taxxa, il-multi u l-imghaxijiet.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ifhimni, din id-domanda hija marbuta ma' l-immunita`; ma' kultura ta' immunita`. Jigifieri donnu jidher illi din il-kwistjoni, il-fatt illi wiehed jiflah ihallas twassal ghal sitwazzjoni fejn min ghandu iktar jista' jirriskja iktar u li allura wiehed jista' kwazi kwazi jaghmel hekk bhala sistema. Jghidlek jiena mhix l-ewwel darba li grat illum, kontijiet barra min Malta ilhom is-sekli jigru, jigifieri mhix xi haga gdida din, fthemna, li hawn din is-sitwazzjoni huwa li n-nies  involuti, issa kienu ta' portata tali li wiehed jistenna, li bhala rizultat ta' dak li gie zvelat jittiehdu passi ferm iktar serji. Billi tghidlu inti kellek kontijiet barra.. kellek intenzjoni; I mean ma jidhirlix li kien hemm dik l-urgenza illi jigu investigati dawn in-nies. Fil-fatt ma jidhirx minn hawnhekk li kien hemm

din l-urgenza li n-nies imsemmija pubblikament li qeghdin f' din iz- zona ta' awtorita`, tajjeb?, gew investigati minnufih wara li hargu dawn il-Panama Papers biex wiehed jara x' inhi s-sitwazzjoni. Jigifieri f' din l-urgenza ma saritx distinzjoni bejn wiehed u iehor.

***Ix-Xhud :***
Sur Imhallef, li nista' nghid li jiena bi pjacir u nista' nghidu dan li nahseb li kont wiehed minn ta' l-ewwel u dan huwa dokumentat jigifieri li bla jigifieri xkiel ta' xejn qbadt u tajt ordni u hadna passi

***Imhallef J Said Pullicino :***
U dan jista' ikollna issa meta l-Prim Ministru itik il-permess ikollna cans niddiskutuh fit-tul; toqghodx tinkwieta.

***Ix-Xhud :***
Li nixtieq nghid pero`, u niehu l-oportrunita` li nghidha hawnhekk, li l-ambjent li nahdmu fih, meta jigi biex tiehu passi kif ghedt inti, ta' immunita` u it-tip ta' sistema, sfortunatament anke l-fatt li l-pajjiz kemm aministrazzjoni u kemm ohra li jaghtu dawn it-tax amnesties, li jiena totlament dawn huma kontra.. qisek bnejt hajt quddiem it-Tax Authority, jigifieri li inti taghti taxpayer cans li jirregola ruhu bil-five percent (5 %) jiddispjacini nghid, u mbaghad tispicca tinvestiga, ghax din importanti nghidha wkoll, wara li taghmel audit u tiehu l-hin kollu jigi t-taxpayer b' certifikat ta' investment registration scheme u jghidlek - jiena all right ta! Jigifieri sfortunatament li jkolli naqbel totlament maghkom li anke l-ambjent taghna meta johorgu jekk minhiex sejjer zball erba' jew hames amnestiji sfortunatament qed taghti messagg lit-taxpayer mhux talli jigifieri.., u naqbel mieghek, li s-sistema jekk tinqabad thallas it-taxxa! Talli probabbli qed nistennew ammnistija ohra ghax dak huwa l-ambjent sfortunatament li jkolli nghid li huwa kontrina.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma naqblu li dana jaghti.. dawn is-sistemi jaghtu lok ghal idea ta' immunita` ghal persuni li jifilhu iktar milli ghal haddiehor?

***Ix-Xhud :***
Iva jkoli naqbel mieghek.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghax mod taghmel zball u tinsa xi haga ..

***Ix-Xhud :***
Jiena ma ddikkjarajtx, u imbaghad mort ghamlil l-amnistija, hallast 5 %! Mela bir-rispett kollu l-haddiem tinqatalu t-taxxa ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Din li kont ser nghidlek jien. Illi n-nies illi jaghmlu dawn l-investimenti huma nies high-end. Dawn li ghandhom hafna hafna flus illi ser jinvestu l-Panama. Cikku l-Poplu ma huwiex sejjer jinvesti l-Panama Papers! Dak jibza ghalihom il-ftit flus li ghandu!

***Ix-Xhud :***
Hekk hu; mhux hekk?

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Imma dawn in-nies in the high-end bracket dawn iva, huma dawn in-nies imbaghad illi qeghdin johorgu off the hook permess ta' din is-sistema.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu

***Imhallef J Said Pullicino :***
U din is-sistema testendi wkoll ghal Vat nifhem jien hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Sorry?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Din is-sistema testendi wkoll ghal VAT

***Ix-Xhud :***
Ghal Vat hija differenti pero`. Ghax il-Vat hija t-tip ta' taxxa ovvjament hemmhekk jigi misappropriation.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Apppuntu.

***Ix-Xhud :***
Specjalment bhala bolol.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri hemm differenza wkoll…il ghaliex jekk fil-Vat tuza s-sistema illi thallas u jahfrulek, iktar aghar, ghax hemmhekk ghandek is-serq. Fil-fatt qieghed attwalment tisraq lill-gvern fuq flus li diga` hadt.

***Ix-Xhud :***
Da zgur, hekk hu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri jena ma nistax nifhem kif wiehed jista' jikkoncepixxi illi jzomm il-Vat u mbaghad thallas multa u daqshekk!

***Ix-Xhud :***
Issa Sur Imhallef, fil-fatt nixtieq nghid ukoll li llum bi pjacir nghid ukoll li hawn is-sistemi inbidlu. Fil-fatt dahhalna step iehor li qabel issir investigazzjoni jsir pre-audit review u niddeciedu l-kaz ghandux imur kriminali jew amministrattiv. Jigifieri wahda kienet mir- ecommendations ukoll, li huwa importanti, ghaliex importantissmu, importantissmu li t-taxpayer ikollu riskju li jista' jigi kriminali, prosecuted kriminali; mhux li jista' dan jghaddi z-zmien, kemm imur ihallas it-taxxa, jew aghar minn hekk, jiddispjacini nghid, ihallas 5 % jigifieri! Ghax hafna, hafna, din nixtieq nghidha anke f' isem in-nies tad-Dipartiment, biex ikunu jafu kemm huwa difficli l-ambjent li meta inti ghandek sistema hemm barra li ma hijiex tghin biex ahna jkollna nigbru dak li ghandna nigbru.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U naqblu li hafna mid-defaulters tal-Vat huma negozjanti kbar li bl-iskuza ta' impjegati u mhux impjegati jibqghu lura mill-hlas?

***Ix-Xhud :***
Negozjanti, ovvja. Ghax ikollok economic activity biex ikollok Vat number....

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma jien qed nitkellem issa fuq min ikun daqsxejn fat cat hux! Daqsxejn qawwi. Jigifieri dawk huma l-iktar defaulters, forsi anke Dipartimenti tal-gvern, ma nafx jien.

***Ix-Xhud :***
Ifhimha, Sur Imhallef, li nista' nghid huwa kollox kif taf inti huwa relattiv. Jigifieri jista' ikollok defaulter wiehed forsi ghadu jiftah naqra ta' hanut u ghadu jibda. Jista' ikollok kumpanija li ghandha turnover ta' miljuni kbar u tkun defaulter. Hemm tipi differenti wkoll ta' defaults. Jigifieri z-zghir forsi flol jiddikjara mija jiddikjara hamsin, u mbaghad ghandek it-tip ta' livell iehor fejn jidhol it-tax planning u t-tax avoidance. Jigifieri qed nitkellmu fuq tax evasion u fuq tax avoidance. Kif nafu wkoll sfortunatament il-kumpaniji l-kbar kapaci iqabbdulek tax planners erc, ihallsu ta' l-advice u mbaghad ovvjament trid tiggieled legal battle. Flok an invention battle tkun a technical battel, sewwa? Jigifieri hemm elementi differenti jigifieri kif wiehed ma jhallasx it-taxxa.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ahna qeghdin nipprovaw naraw ir-relazzjoni bejn in-negozju l-kbir u l-politika, tajjeb?

***Ix-Xhud :***
Hekk hu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Issa dan l-ahhar, qed nitkellmu fuq dan l-ahhar ghax qeghdin fuq dan l-ahhar, kienu jigru anke qabel probabbilment. Imma, l-ebda bozza ma inxtaghlet fid-Dipartiment illi qed ikun hemm dan it-tip ta' high level of evasion b' mod jew iehor minhabba dan l-intricci ta' progetti kbar.. u fuq negozji kbar, I mean li mbaghad iwasslu ghal certi konsegwenzi?

***Ix-Xhud :***
Sur Imhallef, li nista' nghid hu li jiena dejjem naghti instructions, anke d-DG tat- Tax Compliance. U nahseb li wiehed mis-sorsi krucjali, kif semmejt fil-bidu, huwa l-gazzetti, il-media, hu x' inhu. Jigifieri fejn ikin hemm informazzjoni li hija relevanti, tajjeb?, li ahna qed naraw riskju, nahseb li huwa fid-dmir taghna.., issa jekk tistaqsini fuq ..u fuq liema, imma ovvjament jiena l-rwol tieghi qieghed iktar jigifieri.., pero` li ma ghandix dubju li l-obbligu hundred percent tad-DG tat-Tax Compliance huwa li jara l-informazzjoni li hierga fil-media. Jigifieri nahseb l-iktar sors importanti dak.

***Dr Therese Comodini Cachia :***c
Ftit mistoqsijiet generali minhabba l-kwistjoni li hemm. Kont qed titkellem fuq ir-relazzjoni tieghek mal-Ministeru u ghedt illi hemmhekk tiddiksutu policy.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U ghamilt ukoll referenza ghal intervista li inti kont tajt fejn kont ghedt illi ma hijiex il-policy tad-Dipartiment illi tiftah prosekuzzjonijiet kontra t-taxpayer 'il ghaliex hafna drabi.., anke irrepetejt hawnhekk, dawk jigu settled administratively. Pero` dik it-tip ta' policy tkun ittiehdet flimkien jew fuq id-direttezzjoni tal-Ministeru jew tkun decizjoni li hadtu intom bhala Dipartiment?

***Ix-Xhud :***
Le, hija prattika, nista' nghidlek minn 1948 jigifieri minn meta beda l-Income Tax Act li l-provisions kriminali qatt, rarissmu, jiena li nista' nghid ma nafx kaz wiehed jigifieri, fejn xi hadd tella' kriminali fuq tax evasion.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Pero` fl-istess hin fix-xhieda tieghek ghedt illi r-riskju li persuna tigi mressqa il-Qorti ghandek bzonnu minhabba inkella s-sistema tohloq impunita` kif qed niddiskutu.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U allura meta kien hemm il-Panama Papers u l-iSwiss Leaks, ma nhassx din il-htiega illi tieqfu minn dik il-policy biex taghtu iktar sikurezza anke fuq is-sistema?

***Ix-Xhud :***
Le ma nhassitx nahseb ghal raguni li nzommu f' mohhna li kien hemm…, il-Panama ma kinetx l-ewwel wahda. Jigifieri snin qabel kien hemm ohrajn, fejn anke ma kienx hemm jiena bhala Kummissarju, u xorta l-istess policy ittiehdet. Jigifieri ma nahsibx, qisha jkolli nghidlek,..qisha nahseb timxi b' dak li jimxi id-Dipartiment. Plus irridu nzommu f' mohhna wkoll li ma nimmaginax li ghandna rizorsi biex intellghu lil kulhadd kriminali, qed tifhem? Jigifieri ma nimmaginax dawk il-mijiet ta' nies kollha…! Nahseb li kieku niffladdjaw il-Qorti! Jigifieri pero` tajjeb kif semmejt li kif qed nghidu anke luckily tajjeb hafna mhabba l-Moneyval, trangaw hafna dawn l-affarijiet. Jigifieri issa l-fatt li dahhalna stage iehor irrikonoxxejna li hemm bzonn li ghandu jkun hemm certu ammonti; u biex nissamerajzja, irid ikun hemm riskju relattivament b' sahhtu bizzejjed li t-taxpayer jista' jittella' kriminali. Dik hija importanti u dik hija krucjali.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Id-domanda ta' l-avukat qieghda.., il-problema taghna minn hawn barra hi din; meta hargu dawn il-Panama Papers kien hemm reazzjoni d-dinja kollha.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu

***Imhallef J Said Pullicino :***
Id-dinja kollha kien hemm caqlieq, certi pajjizi spiccaw Prim Ministri, spiccaw Ministri l-habs. I mean kienet caqlieqa kbira. Semplicement  ghaliex kellhom dawn kontijiet fil-Panama.

***Ix-Xhud :***
Ehe.

***Imhallef J Said Pullicino :***
